# WARA L-GĦARQA

Rajtek, ja baħar, tifrex qawwet saħħtek,
togħla f'mewġiet, mal-blat ħalel issabbat;
rajtek imbergħen, kiefer, u stkerrahtek.

Ma' qilltek smajtha d-dgħajsa jiena tħabbat,
tiżfen b'dagħdigħa f'nofs rawwit ilmietek,
u biss il-Mewt minn fuqha lmaħt tixxabbat.

Ħassejt bħal waħx x'ħin ħbejt f'dalmet surietek
is-saħħa, il-ħajja, l-għana tal-Baħħara,
x'ħin rajthom midfunin taħt tul meddietek.

Ilmaħtek tifraħ, mimli b'dik il-ħsara,
u fuq sessija nfirex dawl sewdieni,
kif mat-tvenvin tar-riħ bgħattli dil-bxara:

"Temmejtha xewqti: ix-xemx li tisbaħ kmieni
għada, tarani mbissem, nidħak, ħieni."

1–4–33 KARM VELLA